Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

9682/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0102(BUD)

FIN 447

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Kunsill li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021 |

**ANNESS**

2021/0102 (BUD)

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,

Billi:

– il-baġit tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2021 kien adottat definittivament fit-18 ta' Diċembru 2020[2];

– fil-15 ta' April 2021, il-Kummissjoni ppreżentat proposta li fiha l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3 għall-baġit ġenerali għas-sena finanzjarja 2021;

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

1 ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.
2 ĠU L 93, 17.3.2021, p. 1.

*Artikolu Uniku*

Il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021 ġiet adottata fil-21 ta' Ġunju 2021.

Jista' jinkiseb aċċess għat-test sħiħ għall-konsultazzjoni jew għat-tniżżil mis-sit web tal-Kunsill: http://www.consilium.europa.eu/.

Magħmul fi Brussell, fil-21 ta' Ġunju 2021.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*